MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 789/2009

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Frances Caruana (Id. 471677M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba' mija u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€440.42) minghand il-konvenuta, in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 7933 3954. Bl-ispejjes, inkluzi tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€440.42), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------